AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
17,Triq Edgar Ferro, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

# Stqarrija għall-*Media*

## Gwida mill-OHSA dwar Miżuri ta' Saħħa u Sigurtá waqt Riħ Qawwi u Maltemp

22 ta' Settembru 2022

Fid-dawl ta' tbassir ta' maltemp fuq il-gżejjer Maltin matul l-24 siegħa li ġejjin, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA), tappella lil min iħaddem kif ukoll lill-ħaddiema sabiex jaġġornaw ruħhom dwar ir-riskji u l-perikli assoċjati ma' dawn il-kundizzjonijiet tat-temp sabiex jiġu skansati problemi ta' saħħa u inċidenti li saħansitra jista' jkollhom konsegwenzi serja.

F'siti ta' kostruzzjoni, l-OHSA tirrakkomanda lis-sidien ta' siti ta' kostruzzjoni jew xogħolijiet oħra, sabiex jiżguraw li scaffoldings, pontijiet, galleriji, aperturi u xbieki ma' faċċati jkunu siguri fost oħrajn, filwaqt li għandhom jittieħdu l-miżuri kollha skont il-liġi biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha. Dawn jgħoddu wkoll għal xogħolijiet oħra inkluż it-trasport, xogħol fil-għoli u xogħol fuq barra, fost oħrajn.

Dawn il-miżuri jinsabu miġbura f'dokument li għandu jservi bħala gwida b'informazzjoni dwar il-proċeduri ta' evalwazzjoni tar-riskji, x'għandu jsir f'każ ta' xita qawwija jew silġ, x'għandu jsir f'każ ta' riħ qawwi, kif ukoll dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu wara li tkun għaddiet it-twissija ta' riħ jew xita qawwija, jinsabu fil-gwida "Miżuri ta' Saħħa u Sigurtà waqt Kundizzjonijiet Ħżiena tat-Temp". Din il-gwida hija aċċessibbli kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u tista' titniżżel b'xejn mill-paġna ta' Facebook tal-OHSA jew minn hawn:

Malti: https://qrco.de/kundizzjonijiet_temp

Ingliż: https://qrco.de/inclement_weather

Wieħed jista' wkoll jiskennja dawn il-codes:

Inclement Weather

Kundizzjonijiet Ħżiena tat-Temp

Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jikkuntattja lill-OHSA fuq tel. 21247677, jibgħat email fuq ohsa@gov.mt jew iżur il-paġna ta' Facebook @ohsamalta

-tmiem-